2024/2483

3.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 129/2024

tat-12 ta' Ġunju 2024

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2024/2483]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1855 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji minimi tad-*data* li għandha tiġi rrapportata lir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet u t-tip ta' rapporti li għandhom jintużaw ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1856 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 151/2013 billi jispeċifika ulterjorment il-proċedura biex jiġu aċċessati d-dettalji tad-derivattivi kif ukoll l-arranġamenti tekniċi u operatorji għall-aċċess tagħhom ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1857 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stipulati fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 150/2013 fir-rigward tad-dettalji tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni bħala repożitorji tat-tranżazzjonijiet u għall-applikazzjonijiet għall-estensjoni tar-reġistrazzjoni bħala repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1858 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-proċeduri għar-rikonċiljazzjoni tad-data bejn ir-repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet u l-proċeduri li għandhom jiġu applikati mir-repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet biex jivverifika l-konformità mill-kontroparti li tirrapporta jew mill-entità li tressaq ir-rapport mar-rekwiżiti tar-rapportar u biex jivverifika l-kompletezza u l-korrettezza tad-data rrapportata ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1860 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards, il-formati, il-frekwenza u l-metodi u l-arranġamenti għar-rapportar ([5]), kif rettifikat mill-ĠU L 304, 24.11.2022, p. 102, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/1855 iħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 148/2013 ([6]), li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(7) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 31bce (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 148/2013) jinbidel b'dan li ġej:

([1]) ĠU L 262, 7.10.2022, p. 1.
([2]) ĠU L 262, 7.10.2022, p. 34.
([3]) ĠU L 262, 7.10.2022, p. 41.
([4]) ĠU L 262, 7.10.2022, p. 46.
([5]) ĠU L 262, 7.10.2022, p. 68.
([6]) ĠU L 52, 23.2.2013, p. 1.

"**32022 R 1855**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1855 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji minimi tad-data li għandha tiġi rrapportata lir-repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet u t-tip ta' rapporti li għandhom jintużaw (ĠU L 262, 7.10.2022, p. 1)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 31bcg (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 150/2013):

"- **32022 R 1857**: Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2022/1857 tal-10 ta' Ġunju 2022 (ĠU L 262, 7.10.2022, p. 41)."

3. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 31bch (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 151/2013):

"- **32022 R 1856**: Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2022/1856 tal-10 ta' Ġunju 2022 (ĠU L 262, 7.10.2022, p. 34)."

4. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 31bcy (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1456):

"31bcz. **32022 R 1858**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1858 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-proċeduri għar-rikonċiljazzjoni tad-data bejn ir-repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet u l-proċeduri li għandhom jiġu applikati mir-repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet biex jivverifika l-konformità mill-kontroparti li tirrapporta jew mill-entità li tressaq ir-rapport mar-rekwiżiti tar-rapportar u biex jivverifika l-kompletezza u l-korrettezza tad-data rrapportata (ĠU L 262, 7.10.2022, p. 46).

31bcza. **32022 R 1860**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1860 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards, il-formati, il-frekwenza u l-metodi u l-arranġamenti għar-rapportar (ĠU L 262, 7.10.2022, p. 68) kif rettifikat mill-ĠU L 304, 24.11.2022, p. 102."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2022/1855, (UE) 2022/1856, (UE) 2022/1857 u (UE) 2022/1858, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1960, kif rettifikati mill-ĠU L 304, 24.11.2022, p.102, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Ġunju 2024, dment li jkunu saru n-notifiki kollha (*) skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 50/2021 tal-5 ta' Frar 2021 ([7]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([7]) ĠU L, 2024/46, 11.1.2024.